MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 326/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur J. Hersey)**
**Vs**

**David Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, talli fid-19 ta’ Gunju, 2005, ghall-habta tas-6.00 p.m., f’Ghajn Qajjet, Rabat, saq vettura nru. EAJ-882 u b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, nvolontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi per durata fuq il-persuna ta’ Tereza Borg, skond kif iccertifika Dr. Robert Cassar M.D ta’ S.L.H.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Novembru, 2005, li biha, wara li rat l-Artikolu 15(1)(a) u (20 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 226 u 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal multa ta’ hamsin Lira Maltin (LM50), u rigward is-sospensjoni mitluba, stante li mhux il-kaz, cahdet din it-talba.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta’ Novembru, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati, tiddikjara lill-istess appellant mhux hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu w tilliberah minn kull imputazzjoni w piena, w tikkonferma l-istess sentenza appellata fejn din cahdet it-talba tal-Prosekuzzjoni ghas-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-appellant.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant huma fil-qosor is-segwenti w cioe’ :- illi l-Ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha li biha sabet lill-appellant hati fuq il-fatt li, ghalkemm l-appellant kien *“main road user”* , ma kienx prudenti fis-sewqan billi ppretenda li, ghax ghaddej hu, hadd aktar ma jista’ jutilizza t-triq tieghu. Illi n-nuqqas ta’ prudenza fis-sewqan ma jitfa’ l-ebda htija fuq is-sewwieq, stante lil-ligi fl-artikolu 225 tal-Kap.9 li ghalih jirriferi l-artikolu 226 imkien ma ssemmi tali nuqqas ta’ prudenza bhala xi kawza ta’ htija. Inoltre minn imkien ma jirrizulta li l-appellant kien ippretenda li hadd aktar ma jista’ jutilizza t-triq tieghu. Il-vettura l-ohra kienet qed taqsam it-triq minn fejn kien ghaddej l-appellant u kienet harget minn *side street* fejn kien hemm *stop sign* u harget minghajr ma s-sewwieq taghha obdiet tali sinjali w ma waqftx. Kien l-obbligu tas-sewwieq l-ohra li qabel ma tohrog fuq il-*main road*, tieqaf u tara li ma kienux gejjin vetturi ohrajn.**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tal-19 ta’ Jannar, 2006;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.**

**Rat il-verbal tal-istess udjenza fejn il-partijiet qablu li, jekk ikun hemm bzonn, il-Qorti tkun tista' taccedi fuq il-post tal-incident privatament minghajr il-htiega t' access formali;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi ix-xhieda li semghet din il-Qorti jistghu jigu riassunti kif gej :-**

PS 156 FRANS ABELA **xehed li fid-19 ta' Gunju, 2005 ghall-habta tas-6pm kien isejjah fuq incident li kien gara f' Ghajn Qatghet Street, Rabat. Hu mar fuq il-post u sab li kienu nvoluti zewg vetturi, Lada EAJ-882 u Opel. Kien hemm Teresa Borg imwegga w hu gabilha l-ambulanza. Hu ikkonferma l-isketch esebit u xehed li r-ritratti esebiti jaghtu stasmpa cara ta' dak li kien hemm fuq il-post. I-hsarat kienu kif indikati fuq l-sketch esebit L-appellant kien qallu li kien sejjer lejn il-Bahrija w ra car hierga mill-lemin tieghu li dahlet fil-car tieghu. Din kienet gejja minn-naha tal-Imtarfa w sejra fid-direzzjoni tal-Housing Estate. Hemm din il-car-ohra kellha** STOP SIGN **indikata fuq tabella biex id-dritta tinghata lil traffiku li jkun sejjer bejn ir-Rabat u l-Bahrija. Din it-tabella kienet fuq il-bankina fuq ix-xellug minn fejn kienet hierga l-car l-ohra. Kienet daqxejn il-gewwa dit-tabella ghax il-bankina hemm wiesgha. Wara l-incident saru sinjali biz-zebgha fl-art li juru li min ikun gej kif kien gej Borg irid icedi lil traffiku iehor. Imma dan sar wara l-incident, f' xi Ottubru, 2005.**

**Wara kienu gabulu certifikat li juri li Teresa Borg kienet sofriet *grevious injuries* u li kellha fractured elbow. Id-driver l-ohra kienet qaltlu li ma kienetx indunat li hemm kellha *stop sign*. Hi baqghet hierga normali w l-appellant kien dahal fuqha.**

TERESA BORG **xehdet li hi omm l-appellant u kienet riekba fil-car tieghu fuq ix-xellug, quddierm. Hi ma ssuqx. Kienu sejrin *"drive"* bil-car bi speed normali w harget car gejja min-naha tal-Imtarfa meta huma kienu waslu fejn il-*crossroads*. Id-driver l-ohra kienet qalet lill-warden li ma ratx l-*Stop Sign*, imma dan kien fuq *pole* .**

Hi kienet korriet ghax sofriet ksur u kellha tissubixxi zewg operazzjonijiet u ser tibqa' kif inhi. Hi lill-appellant binha tahfirlu ghal kull buon fini imma tghid li hu m' ghandux tort. Di fatti hu thallas mill-insurance tad-driver l-ohra.

L-APPELLANT **xehed li hu kien gej isuq minn-naha tar-Roman Villa w ser idur lejn l-Imtarfa. Ra car gejja mid-direzzjoni tal-Imtarfa. Hu ghafas il-brake w habtu xorta wahda ghax hi baqghet hierga. L-insurance tal-car l-ohra kienu hallsuh.**

**Ikkonsidrat;**

**Meta l-Qorti rat il-lokalita' tal-incident *de visu* , sabet li dan gara f' Ghajn Qatghet Street, fejn hemm *junction* bejn it-triq li mir-Rabat taghti ghall-Bahrija w vice versa u diversi zbokkaturi ohra fosthom dik li taghti ghall-Imtarfa w c-Chadwick Lakes u ohra li taghti ghall-Housing Estate tar-Rabat. Hemm *traffic island* kbira w estensiva ghamla ta' arkata gotika bl-apice taghha lejn id-direzzjoni tat-triq li taghti mill-Imtarfa u bil-basi dritta taghha tiffjanka it-triq li ggib mir-Rabat u taghti lejn il-Bahrija, Kuncizzjoni u l-Imtahleb. Il-vija ghal min ikun gej mir-Rabat sejjer lejn il-Bahrija pero' mhix ostakolata minn din it-*traffic island* u wiehed tista' tghid jista' jibqa' sejjer ghad-dritt billi jghaddi tangenzjalment maghha. Ghalkemm illum hemm sinjali bojod fiq-triq li mir-Rabat taghti ghall-Bahrija, li**

**jindikaw li traffiku gej minn dik id-direzzjoni irid icedi lil traffiku gej minn direzzjoni ohra, fiz-zmien tal-incident il-priorita' kienet tar-*road user* li jkun gej mir-Rabat ghall-Bahrija, skond ma xehdu PS Abela u l-istess Teresa Borg u kif del resto irriteniet l-Ewwel Qorti. Hemm vizwali estensiva reciproka ghal zewg *drivers* li jkunu qed javvicinaw il-j*unction* kif kienu qed jaghmlu z-zewg sewiieqa involuti f' dan l-incident.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi in vista tas-senjaletika kif irrizulta li kienet fiz-zmien tal-incident, hu ovvju li ma kienetx tapplika ir-regola li fejn *roundabout* wiehed irid icedi lil traffiku li jkun gej minn fuq il-lemin tieghu w li prezumibbilment ikun ghalhekk qabad ir-*roundabout* qabel dak li jkun gej minn fuq ix-xellug. Invece, probabbilment minnhabba l-konfigurazzjoni partikolari ta' din it-*traffic island* u kif din hi sitwata viz-a-viz it-triq li mir-Rabat taghti ghal Bahrija/Kuncizzjoni, l-priorita', kif indikata bl-Stop Sign li kien hemm fuq tabella, kienet titlob li traffiku gej mid-direzzjoni tal-Imtarfa/Chadwick Lakes ried icedi ghat-traffiku transitanti fuq il-karreggjata Rabat/ Bahrija. Hekk jigi indubbjament li l-appellant kellu r-*"right of way"*. Il-car l-ohra KBG 584 kienet qed taqsam it-triq tal-appellant traversalment u ntlaqtet fuq il-*mudguard* ta' quddiem tax-xellug taghha bil-quddiem tal-car Lada tal-Appellant**

**Ikkonsidrat;**

**Illi ghar-rigward tal-aggravju li l-artikoli 225 u 226 tal-Kodici Kriminali ma jsemmux l-imprudenza bhala wahda mill-kawzi tal-omicidju involontarju jew tal-offiza nvolontarja, dan hu legalment bla bazi ghax l-artikolu 225 , meta jittratta l-kaz tal-omicidju involontarju, jghid li dan jista' jkun dovut ghal nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni ta' dak li jkun jew inkella ghal nuqqas ta' tharis ta' regolamenti. Dawn il-fatti japplikaw ukoll ghall-offiza involontarja skond l-artikolu 226. Il-kelma traskuragni hija sinonima mall-kelma negligenti. Issa,**

**kif gie ritenut fl-appell kriminali** “Il-Pulizija vs. Antonio Spiteri” **(Kollez. Vol. XLIV, iv. p.892) :-**

“Sewqan negligenti jfisser nuqqas ta’ prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.”

**Ghalhekk, jekk kellu jirrizulta li l-appellant kien imprudenti, dan xorta wahda kien ikun jista’ jirrendih responsabbli ghall-incident *de quo* u ghall-offizi ta’ natura gravi *per durata* li per konsegwenza tal-istess incident sofriet ommu Teresa Borg.**

**Ikkonsidrat;**

Illi l-aggravju l-iehor tal-appellant li ma jirrizulta b’ ebda mod li hu ppretenda li hadd aktar ma seta’ jutilizza t-triq tieghu, kif irriteniet l-Ewwel Qorti, jidher pero’ fondat. Illi kif kienet is-senjaletika fiz-zmien tal-incident il-vettura l-ohra li kienet gejja minn fuq il-lemin tal-appellant kellha l-obbligu inekwivoku li tieqaf u taghtih id-dritta. Ma jirrizultax li l-appellant kien hati ta’ xi sewqan hazin bhal per ezempju xi nuqqas ta’ *proper lookout* jew inkella ta’ xi *speed* eccessiv jew ta’ xi manuvra ohra inkonsulta li minnhabba fihom pogga lilu nnifsu taht xi *“self inflicted incapacity*” li jevita l-incident. Kieku rrizultaw dawn il-fatturi jew xi wahda minnhom, l-Ewwel Qorti kienet tkun gustifikata li tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha, ghaliex kif dejjem gie ritenut :

**“*Il-contributory negligence” ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru.”* (App/Krim.** “Il-Pulizija vs. P. Vassallo” **Kollez. Vol. XXXVIII, iv. p.883)**

u ghalkemm id-driver tal-car l-ohra kien indubbjament qed isuq in vjolazzjoni tar-regolamenti, u li dan kien zgur kawza prossima w determinanti tal-incident, dan ma kienx ikun il-kawza unika tas-sinistru stradali.

**Invece kif gie ritenut fl-Appell Kriminali :** “Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti**” (Kollez. Vol. XXXVII, iv. p.1217) *“Ghandu jigi ezaminat x’ kienet il-kawza prossima tal-habta.”* Dan ghaliex “*sabiex ikun hemm***

***responsabbilta' ghall-kollizzjoni, jehtieg li jkun hemm <u>nexus</u> fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni."*** **(App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Nazzareno Micallef." **[3.12.1960]**

**Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali ;** "Il-Pulizija vs. P. Borg et." **(Kollez. Vol. XXXVI iv. p.797) :-**

"Ghalkemm driver ghandu joqghod dejjem attent, sija jekk ikun fuq it-triq id-dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer jidhol fiha, huwa intuwittiv li d-driver li jkun sejjer jidhol fit-triq id-dritta minn triq ohra ghandu obbligu aktar gravi minn dak tad-driver fuq it-triq id-dritta; u dana ghas-semplici raguni li hu jkun ser jaqsam l-"stream of traffic" li jkun hemm fuq it-triq id-dritta, mentri d-driver fuq it-triq id-dritta, ladarba ser ikompli sejjer ghad-dritt , ma jkun ser ifixkel lil hadd ."

**F' "**Hutchinson vs.Leslie"(**1927) SC. 95 Lord President Clarke kien bl-istess mod irritjena li :-**

"Now entering one road from another is more difficult than coming straight along the same road; and for that reason the side road user must use more care" *u* "generally speaking, the duty of a driver whose course is calculated to disturb the ordinary stream of traffic on a road is of a higher grade."

(Ara ukoll Kollez. Vol. XXXII,II, p.386)

Issa kif jghid l-awtur **MAZENGARB** "Negligence on the Highway" (Butterworth's 1962, p. 326-327)

*"At Common Law there is a well recognised rule that traffic entering or crossing a main road must give way to traffic proceeding along the main road from another direction.….It is important that the rule should be strictly observed and the right of way which it confers should not be allowed to be whittled away; drivers who have the rule in their favour, are entitled to expect that the rule will be observed by others."*

Ghalhekk meta l-appellant kien qed javvicina l-inkrocju minn dik li dak iz-zmien kienet triq principali, anki jekk ra lil-car l-ohra gejja mill-lemin tieghu, qed tersaq lejn l-istess *junction,* hu, kif jghid il-**Mazengarb** (op. cit.), kien *“entitled to credit the other driver with a willingness to observe his* ((hawn *“her”) duty.”*

Ghalhekk hawn mhux kaz ta’ xi hadd li ippretenda li, ghax ghaddej hu, hadd aktar ma kellu jutilizza l-istess triq, imma kaz *ta’ main road user,* li kien qed isuq kif suppost , li kellu kull dritt li jistenna li r-*rule of the road,* kif dettata mis-senjaletika li kien hemm fuq il-post dak iz-zmien, tigi rispettata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma tarax li s-sewqan tal-appellant kien b’ xi mod il-kawza prossima u determinanti tal-incident in ezami w ghalhekk mhux il-kaz li hu jinstab hati li kkaguna l-offizi involontarji fuq Teresa Borg. Mhux ghalxejn l-insurance tal-car l-ohra hallset id-danni tal-appellant.

Ghalhekk l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata qed tigi riformata billi qed tigi revokata fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u fejn ikkundannatu ghal multa ta’ hamsin lira Maltin (LM50) w tikkonfermaha fejn ma laqghetx it-talba tal-prosekuzzjoni ghas-sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant, b’ mod li l-appellant qed jigi liberat minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------